# Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi
# DISKORS TAL-BUDGET
# 2004

**Onorevoli John Dalli**
Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi
Malta
24 ta' Novembru, 2003

Narmaw

GĦAŻ-ŻMINIJIET ĠODDA

B U D G E T 2 0 0 4

# Werrej


**Daħla** 5
**L-Ekonomija** 5
**Il-Finanzi** 6
**L-Unjoni Ewropea** 7
**Ir-Riformi** 7
**Djalogu** 7
**Ekonomija u Finanzi** 9
**Il-Prodott Gross Domestiku** 9
**Il-Bilanċ tal-Pagamenti** 10
**L-Inflazzjoni** 10
**Is-Settur Monetarju** 10
***Żviluppi Monetarji*** *11*
***Żviluppi fis-Settur ta' Servizzi Finanzjarji*** *11*
***Id-Dħul ta' l-Euro f'Malta*** *12*
***Moviment Ħieles tal-Kapital*** *13*
**L-Ekonomija** 14
***Ix-Xogħol*** *14*
***Qliegħ min-Negozju*** *14*
***Setturi Ekonomiċi*** *15*
*Agrikoltura u Sajd* 15
*Il-Manifattura* 15
*Turiżmu* 16
*Is-Self-employed* 17
*Il-Kummerċ* 18
*Il-Konsumatur* 18
*Il-Malta Enterprise Corporation* 18
*Is-Settur tas-Servizzi Finanzjarji* 19
**L-*Economic Survey*** 20
**Il-Finanzi Pubbliċi** 21
**Trasparenza u kontroll fil-Finanzi Pubbliċi** 21
**Dħul** 22
***Sisa*** *23*
***Taxxa fuq bejgħ ta' Propjetà*** *24*
*Ħelsien mit-Taxxa fuq Ristrutturar ta' Kumpaniji* 24
*Kumpaniji li l-assi prinċipali tagħhom hi propjetà* 24
*Propjetà akkwistata b'wirt* 25
*Bidla fil-kalkolu tal-profitt taxxabbli* 25
*Notifikazzjoni ta' Konvenji* 25

*Il-VAT* 26
*Taxxa Addizzjonali fuq Vetturi Wżati* 27
*Sussidji tas-Sigurtà Soċjali lill-Bdiewa u lis-Sajjieda* 28
*Fondi tal-Unjoni Ewropea* 28
*Il-Protokoll tal-Gvern Taljan* 28
Nefqa Rikurrenti 29
*Anzjani* 30
*Persuni bi Bżonnijiet Speċjali* 31
Nefqa Kapitali 31
Il-Privatiżżazzjoni 32
*Il-Malta Freeport Terminals Ltd.* 32
*Il-Lottu Pubbliku* 32
*Pjani oħra* 32
Is-snin 2005 u 2006 33
Estimi Ġenerali 34
Riformi 35
Sfidi 35
*Social Market Economy* 36
Il-Globalizzazzjoni 36
Il-Kompetittività 37
*Riċerka u Innovazzjoni* 38
*L-Edukazzjoni* 38
*Kumpaniji Parastatali* 39
*It-Tarzna* 40
L-Ambjent 41
Il-Welfare 43
*Razzjonalizzazzjoni tal-benefiċċji* 44
*Viġilanza* 46
*Pensjonijiet* 46
*Saħħa* 46
Għeluq 49

**Appendiċi A - Il-Politika Monetarja 53**
**Appendiċi B - Tneħħija ta' Kontrolli fuq il-Kambju 58**
**Appendiċi Ċ - L-Istrateġija Ekonomika 60**
**Appendiċi D - Finanzi Pubbliċi 70**

**Statements A-Ċ**

# Daħla

Mr Speaker,

Dħalna fi żminijiet ġodda.

Qegħdin inniedu dan il-programm ekonomiku u finanzjarju għas-sena d-dieħla fir-realtà ġdida ta' Malta bħala membru ta' l-Unjoni Ewropea: bil-benefiċċji u l-obbligi li dan iġib miegħu. Issa l-għodda f'idejna. Hemm bżonn narmaw għaż-żminijiet ġodda.

## L-Ekonomija

L-isfond hu dinja li hi għaddejja minn żminijiet diffiċli b'ekonomija fjakka u finanzi mwiegħra.

L-esperjenzi koroh ta' terroriżmu, gwerer u mard infettiv li kellna f'dawn is-sentejn taw daqqa 'l-isfel lill-ekonomija ta' ħafna pajjiżi u heżżew mill-qiegħ il-fiduċja tal-Popli madwar id-dinja fil-futur.

*Tabella 1*

**Prodott Gross Domestiku**

| | 2002 | 2003 | 2004 |
|---|---|---|---|
| | *Att.* | *Tbassir* | |
| *Euro area* | 0.9 | 0.5 | 1.9 |
| Germanja | 0.2 | 0.0 | 1.5 |
| Franza | 1.2 | 0.5 | 2.0 |
| Italja | 0.4 | 0.4 | 1.7 |
| UK | 1.9 | 1.7 | 2.4 |
| US | 2.4 | 2.6 | 3.9 |
| Gappun | 0.2 | 2.0 | 1.4 |

L-ekonomiji fil-punent qegħdin jiffaċċjaw il-bidla radikali li l-globalizzazzjoni qiegħda timponi fuqhom. F'dawn l-ekonomiji qed jikber il-qagħad u toktor it-theddida ta' l-impieg hekk kif l-attività ndustrijali qiegħda tinġibed lejn il-Lvant Imbiegħed fejn il-pagi baxxi, l-etika iebsa ta' xogħol u n-nuqqas ta' regolamentazzjoni soċjali u ambjentali qed ikunu kalamità qawwija. Dan qed jikkawża tnaqqis fid-dħul tal-konsumaturi u joħloq inċertezza li ġġib tnaqqis fid-

domanda għall-prodotti tal-konsum bħal dawk elettroniċi u għal servizzi bħall-btajjel.

## Il-Finanzi

L-ekonomija fjakka qed ikollha effett negattiv qawwi fuq id-dħul tal-Gvernijiet madwar id-dinja. Ir-riżultat hu t-tkabbir fid-defiċits hekk kif dan id-dħul m'huwiex ilaħħaq mal-ispiża dejjem akbar ta' amministrazzjoni, sigurtà, edukazzjoni, pensjonijiet, benefiċċji soċjali, saħħa, ambjent, kultura, sostenn ta' titjib fil-kwalità tal-ħajja u investiment fl-oqsma soċjali, ambjentali u produttivi.

*Tabella 2*

**Żieda fid-Deficit**

| | | 2002 | 2003 | 2004 |
|---|---|---|---|---|
| | | *Att.* | *Tbassir* | |
| *Euro area* | € b | -156.0 | -204.0 | -207.0 |
| Ġermanja | € b | -67.6 | -86.5 | -80.8 |
| Franza | € b | -47.6 | -62.9 | -64.0 |
| Italja | € b | -25.3 | -34.1 | -34.8 |
| UK | £ b | -22.3 | -35.3 | -34.6 |
| US | $ b | -158.0 | -374.0 | -486.0 |
| Ġappun | ¥ t | -37.7 | -37.7 | -35.3 |

Għalhekk, ħafna pajjiżi qed jgħarrxu b'mod kritiku lejn l-istrutturi kollha tagħhom u jieħdu d-deċiżjonijet meħtieġa, anki jekk diffiċli, biex jagħmlu riformi effettivi f'kull settur.

Malta wkoll qiegħda tbaħħar f'dan l-oċejan imqalleb, titħabat mal-istess ħalel u diretta għall-istess port: il-port ta' stabbilità finanzjarja, ekwità soċjali, tisdiq ambjentali u titjib fil-livell tal-għixien għal kulħadd. Il-maltemp li jfiġġ bla mistenni jkiddna, bħalma jkidd lil ħaddieħor. Imma aħna nibqgħu nagħmlu ħilitna, b'id soda fuq it-tmun li ma tħallihx jaħrab mal-kurrenti imma li treġġgħu lura fir-rotta kull meta l-maltemp idawwru għal fuq il-blat.

## L-Unjoni Ewropea

Hu tajjeb li f'dan iż-żmien, il-Poplu Malti ddeċieda li jkun parti mill-pass storiku li se jseħħ is-sena d-dieħla fejn se naraw, għall-ewwel darba għaqda Ewropea li ilha l-ħolma ta' ħafna għal sekli sħaħ.

Il-poplu Malti ddeċieda li jaqbad f'idu l-għodda li s-sħubija fl-Unjoni Ewropea qed tnewwillu biex jaħdem b'riżultati akbar u aħjar, ħalli jibdel lil Malta f'waħda isbaħ, aktar effiċjenti, aktar organiżżata, aktar ħanina.

## Ir-Riformi

Dan jgħinna u jqawwina fir-riformi li rridu nagħmlu biex nibdlu s-sistemi li ħaddimna s'issa f'ħafna oqsma: riformi meħtieġa ħalli dawn is-sistemi jirriflettu r-realtà tal-lum, il-ħtiġijiet tal-lum, il-livell tal-għixien tal-lum, il-piżijiet tal-lum, ix-xenqat tal-lum.

Hekk, is-sistema tagħna, imtaqqla minn għexieren ta' snin ta' deċiżjonijiet meħuda, ħafna drabi, f'kuntesti differenti minn dak li hi r-realtà llum u mingħajr għarfien sħiħ tal-piżijiet li dawn kienu se joħolqu fil-futur, tinġibed lura mir-rankatura li qabdet u titqiegħed fuq sisien sodi li jkunu jistgħu jifilħuha fil-futur.

## Djalogu

Dawn ir-riformi għandhom isaħħu l-kompetittività f'pajjiżna u jipproteġu s-soċjetà ta' wens li għandna. Hu għaqli li dawn jitwettqu kemm jista' jkun f'armonija bejn is-sieħba soċjali kollha.

Is-sieħba soċjali qegħdin neħduhom fil-kunfidenza sħiħa tagħna. Beħsiebna nkomplu bi djalogu ntensiv biex, bl-informazzjoni kollha meħtieġa f'idejna, nippjantaw flimkien ir-rotta li

twassalna bl-anqas taħbit u bl-akbar ħeffa fil-port mixtieq. Jidher li s-sieħba soċjali huma kommessi li jagħmlu l-almu kollu tagħhom biex nagħmlu r-riformi meħtieġa fejn hemm bżonnhom u li niżviluppaw Patt Soċjali li fuqu nibnu l-futur.

Huma kommessi li jidħlu f'diskussjoni ntensiva biex, sa nofs is-sena d-dieħla, nkunu eżaminajna fid-dettal l-istrutturi tagħna u naraw flimkien x'inhi l-istrateġija li rridu nwettqu fil-ġejjieni biex niżguraw pensjoni vijabbli għall-ġenerazzjonijiet futuri, sistema ta' saħħa li tkompli tipprovdi servizz tajjeb li jkun aċċessibbli minn kulħadd, u ekonomija vibranti mibnija fuq Patt Soċjali li jispeċifika b'mod ċar ir-responsabbiltà ta' kull wieħed u waħda minna. Nisperaw li, inkunu kapaċi, ilkoll kemm aħna, nintrefgħu 'l fuq mill-piki u mill-interessi u nilħqu l-konsensus meħtieġ fuq programm ta' riformi veri li jiżguraw l-aħjar interess ta' pajjiżna.

Dan il-budget iniedi dan il-programm u bi prudenza u għaqal jibda t-triq biex minn banda jilqa' għad-daqqa 'l isfel fil-finanzi pubbliċi li qed tinħass mad-dinja kollha u mill-banda l-oħra jħejji lil pajjiżna għat-titjib li hu mistenni fl-ekonomija globali fil-futur qarib.

Nafu li t-twettieq ta' dan il-programm jeħtieġ kuraġġ biex nirbħu l-kuntrarji u fermezza quddiem l-isfidi. Id-determinazzjoni li l-Poplu tagħna dejjem wera quddiem sfidi kbar u żgħar jagħtina din is-saħħa u jimliena b'dan il-kuraġġ.

# Ekonomija u Finanzi

L-ekonomija kajmana tal-2002 u l-2003 issarfet f'għafsa qawwija fuq il-finanzi tal-Gvernijiet billi t-taxxi li suppost daħlu fuq il-konsum u fuq id-dħul mill-impjiegi u fuq il-profitti kienu ħafna inqas milli mistenni.

F'Malta, barra li ntlaqatna mill-istess sfortuni li ntlaqtu bihom il-pajjiżi l-oħra, għaddejna wkoll mit-trawma ta' żewġ elezzjonijiet. Dawn ma kienux ifissru biss il-possibiltà ta' tibdil ta' tmexxija. Kienu jfissru deċiżjoni fundamentali li tolqot fil-fond lill-operaturi kollha ekonomiċi billi ż-żewġ toroq li kienu qed jiġu proposti kienu jfissru strateġiji totalment differenti kif joperaw.

Dan, aktar minn qatt qabel, ikkawża waqfa fl-attività ekonomika għaliex l-inċertezza maħluqa ċajpret il-viżjoni tal-futur, naffret l-investiment u mpediet li jittieħdu deċiżjonijiet f'kull qasam ekonomiku.

## Il-Prodott Gross Domestiku

L-istatistika ekonomika wriet dan b'mod ċar. It-tkabbir ekonomiku fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena kien ta' 1% u dan wara li s-sena l-oħra t-tkabbir, għalkemm anqas minn dak mistenni, kien laħaq it-2.8%. Għas-sena sħiħa, it-tkabbir ekonomiku mistenni jkun ta' 1.5%. Is-sena d-dieħla qed nistennew titjib u naħsbu li t-tkabbir nominali ta' l-ekonomija għandu jilħaq it-3.5%. Dan it-tkabbir għandu jirriżulta minn tkabbir fl-esportazzjoni li għandu jiġi mit-tisħiħ ta' l-ekonomija dinjija kif ukoll minn iżjed investiment.

## Il-Bilanċ tal-Pagamenti

Għadna qed nuru żbilanċ qawwi fil-Kont Kurrenti tal-Bilanċ tal-Pagamenti – il-kont li juri d-differenza bejn kemm daħħalna u ħriġna flus barranin. Matul l-ewwel disa' xhur tas-sena, l-iżbilanċ laħaq l-4.8% tal-Prodott Gross Domestiku.

## L-Inflazzjoni

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | *Tabella 3* |
| **Rata ta' Inflazzjoni** | | | |
| | **2002** | **2003** | **2004** |
| | ***Att.*** | ***Tbassir*** | |
| *Euro area* | 2.3 | 2.0 | 1.5 |
| Germanja | 1.3 | 1.0 | 1.0 |
| Franza | 2.0 | 2.0 | 1.6 |
| Italja | 2.5 | 2.7 | 2.1 |
| UK | 2.2 | 2.8 | 2.4 |
| US | 1.6 | 2.3 | 1.7 |
| Gappun | -0.9 | -0.3 | -0.4 |

L-inflazzjoni nżammet baxxa u għat-tnax-il xahar sa Settembru 2003, il-medja tal-inflazzjoni kienet ta' 1.1%. Skond il-metodu tal-kalkoli mħaddem mill-1990 sal-lum, din ir-rata ta' inflazzjoni tissarraf f'żieda għall-għoli tal-ħajja ta' 75 ċenteżmu fil-ġimgħa.

Ir-rata tal-inflazzjoni għal din is-sena mistennija tkun ta' 1% waqt li għas-sena d-dieħla din mistennija titla' madwar 2.3% b'riżultat tal-miżuri li qed nieħdu.

## Is-Settur Monetarju

L-istabbilità tal-prezzijiet jibqa' l-għan ewlieni tal-Politika Monetarja tal-Bank Ċentrali u għandu jiġi attivat fil-kuntest ta' l-aħjar interessi ekonomiċi tal-pajjiż.

Ir-rata tal-kambju fissa hi l-għodda prinċipali li biha l-Bank Ċentrali jipprova jilħaq dan l-għan ewlieni tiegħu.

Matul it-tnax-il xahar sa Settembru ta' din is-sena, ir-rati uffiċjali ta' l-imgħax naqsu b'total ta' punt perċentwali għal 3%.

## Żviluppi Monetarji

It-tkabbir monetarju naqas xi ftit fit-tnax-il xahar sa Settembru ta' din is-sena. Fil-fatt, il-*broad money* kiber bi 3.3 % meta mqabbel mat-12.2% ta' l-istess perjodu is-sena l-oħra. Dan kien dovut għat-tnaqqis fid-depożiti fissi, liema tnaqqis x'aktarx kien dovut għat-tnaqqis fir-rati ta' l-imgħax fuq depożiti mal-banek kummerċjali, li ħajjar lill-investituri jqiegħdu flushom f'investimenti differenti, bħal ma huma *bonds* jew depożiti li jagħlqu fi żmien qasir. Fil-fatt, il-flus fl-idejn, id-depożiti ta' tifdil u l-bilanċi fil-kontijiet kurrenti lkoll komplew jiżdiedu b'mod qawwi. Ma' dan, wieħed irid iżid ukoll il-livell aktar baxx ta' dħul fil-kont kapitali tal-bilanċ tal-pagamenti. Dan ukoll seta' għin biex id-depożiti fissi jiċkienu.

It-tkabbir tas-self lokali baqa' relattivament dgħajjef, għalkemm matul it-tnax-il xahar sa Settembru r-rata tat-tkabbir laħqet telgħet għal 4.3% mit-2.3% tat-tnax-il xahar ta' qabel. Din iż-żieda fis-self kienet tirrifletti żieda fl-obbligazzjonijiet netti tal-Gvern kif ukoll f'dawk tas-settur privat, fejn din ta' l-aħħar kienet prinċipalment marbuta max-xiri ta' propjetà.

## Żviluppi fis-Settur ta' Servizzi Finanzjarji

Id-domanda għall-i*stocks* kemm tal-Gvern u kemm tal-privat kienet qawwija, u ħafna minnhom ittieħdu mis-settur mhux bankarju. L-indiċi tal-Borża ta' Malta matul din is-sena juri żieda ta' 15%.

Iddaħħlu miżuri biex tiżdied il-fiduċja tal-konsumatur u jitħarsu aħjar id-drittijiet tiegħu fis-settur finanzjarju f'Malta. Fis-settur bankarju, l-Att dwar Tpaċija u *Netting* f'Każ ta' Insolvenza, li daħal fis-seħħ f'Ġunju 2003, emenda l-proċeduri f'każijiet li jinvolvu falliment b'mod li jirrikonoxxu n-*netting* ta' transażazzjonijiet finanzjarji.

Fl-2003 ġew imnedija wkoll l-Iskema ta' Kumpens lill-Investitur u l-Iskema ta' Garanzija ta' Depożiti biex jipprovdu lill-investituri u lill-klijenti ta' istituzzjonijet bankarji kumpens finanzjarju parzjali f'każ li tali istituzzjonijiet ifallu.

F'Jannar 2003, l-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) nħatret bħala l-Awtorita' Kompetenti għall-finijiet ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji. B'hekk, minbarra li mill-bidu tas-sena 2002 ħadet f'idejha r-responsabbilta' li tirregola u tissorvelja l-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji, liema responsabbilta` qabel kienet f'idejn il-Bank Ċentrali ta' Malta, l-MFSA issa għandha wkoll il-funzjonijiet regolatorji li huma relatati mas-swieq finanzjarji u li qabel kienu jaqgħu taħt il-Borża ta' Malta.

Ħadna aktar miżuri biex insaħħu l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, fejn f'Awwissu daħlu fis-seħħ ir-Regolamenti ta' l-2003 kontra l-*Money Laundering*. Barra dan, il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) ġie aċċettat bħala membru sħiħ ta' l-*Egmont Group of Financial Intelligence Analysis Units*.

Dettalji sħaħ tal-Politika Monetarja huma mehmuża f' Appendiċi 'A' ma' dan id-Diskors.

**Id-Dħul ta' l-Euro f'Malta**

Waħda mill-aktar deċiżjonijiet importanti li l-Gvern Malti jrid jieħu meta Malta tissieħeb fl-Unjoni Ewropea hija dwar id-data tad-dħul ta' l-euro f'Malta.

Minħabba li sħubija fiż-żona ta' l-euro tista' ġġib magħha vantaġġi kbar, u wkoll għaliex l-ekonomija ta' Malta għandha karatteristiċi li jixbħu lil dawk li huma neċessarji għal integrazzjoni tajba f'żona ta' munita waħda, ikun ta' vantaġġ li l-euro jidħol f'Malta malajr kemm jista' jkun. Għaldaqstant, ikun f'waqtu li immedjatament wara s-sħubija fl-Unjoni Ewropea f'Mejju li ġej Malta tieħu l-ewwel pass billi tapplika sabiex tipparteċipa fil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju magħrufa bħala ERM II mill-bidu tas-sena 2005.

Strateġija li tittardja d-dħul ta' l-euro għandha l-perikli tagħha, l-aktar għaliex din tista' twassal biex Malta, meta mqabbla mal-pajjiżi applikanti l-oħra, taqa' lura kemm fil-konverġenza kif ukoll fil-pass li

bih l-ekonomija tkun qed tersaq lejn il-livell ta' żvilupp ekonomiku tal-pajjiżi Membri.

Pajjiż li jrid jidħol fiż-żona ta' l-euro jrid jissodisfa numru ta' kundizzjonijiet fuq ir-rata ta' inflazzjoni, l-iżbilanċ fiskali, d-dejn pubbliku, ir-rata ta' l-imgħax u fuq iċ-ċaqliq fir-rata tal-kambju. Malta diġà kisbet riżultati tajbin f'dawk li huma l-inflazzjoni, ir-rata ta' l-imgħax u r-rata tal-kambju, iżda għadha ma tissodisfax il-kriterji dwar l-iżbilanċ fiskali u d-dejn pubbliku.

Din l-istrateġija dwar id-dħul ta' l-euro hija realistika u Malta tista' tissodisfa l-kriterji ta' Maastricht fil-ħin.

## Moviment Ħieles tal-Kapital

Kif ġieli għidt fil-passat, Malta dejjem segwiet strateġija prudenti u meqjusa fejn tidħol il-liberalizzazzjoni tal-kambju. Dan il-programm, li issa wasal fi stat avvanzat, twettaq mingħajr problemi. Prova ta' dan hu l-livell għoli tar-riżervi barranin tal-Bank Ċentrali ta' Malta, li bejn wieħed u ieħor illum ikopru b'kemm-il pajjiż jimporta fi tmien xhur.

Matul is-sena 2003, l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju ġie emendat biex iwitti t-triq għall-liberalizzazzjoni totali tal-moviment ta' kapital. B'dan l-Att, xi kontrolli ser jibqgħu fis-seħħ sad-data tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea. Dawn se jidhru f'Avviż Legali li se joħroġ meta l-Att jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2004. Madanakollu, kif sar fil-passat, ser nieħu l-okkażżjoni biex mill-bidu ta' Jannar li ġej inneħħu xi kontrolli minn dawk li għad fadal. Dawn il-miżuri jidhru f'Appendiċi 'B'.

## L-Ekonomija

### Ix-Xogħol

| Tabella 4 | | | |
|---|---|---|---|
| **Rata ta' Qagħad** | | | |
| % | 2002 | 2003 | 2004 |
| | *Att.* | *Tbassir* | |
| Euro area | 8.4 | 9.1 | 9.2 |
| Ġermanja | 8.6 | 9.5 | 9.8 |
| Franza | 8.8 | 9.5 | 9.7 |
| Italja | 9.0 | 9.0 | 9.0 |
| UK | 5.2 | 5.2 | 5.2 |
| US | 5.8 | 6.0 | 5.7 |
| Ġappun | 5.4 | 5.5 | 5.4 |

Il-ħolqien tax-xogħol jibqa' mira prinċipali tal-ħidma tagħna minkejja li din is-sena, b'riżultat ta' dgħufija fl-ekonomiji klijenti tagħna u ta' ristrutturar li qed isir fis-setturi kollha ekonomiċi, kellna żieda netta ta' 422 fin-numru ta' dawk jirreġistraw. Billi ż-żieda fir-ritmu ekonomiku s-sena d-dieħla mhux mistennija li tkun qawwija ħafna, għandna nistennew livell ta' madwar 5.2% jirreġistraw għax-xogħol.

Tajjeb ninnutaw it-trasformazzjoni li qiegħda ssir anki f'pajjiżna. Fit-tnax-il xahar sa Settembru ta' din is-sena, in-numru ta' ħaddiema fis-settur privat tal-manifattura naqas b'1161 - l-aktar fis-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ - imma fl-istess perjodu se nkunu żidna 1511 mpjieg fis-settur privat tas-servizzi. Is-settur pubbliku naqas b'660. Dawk li jaħdmu għal rashom żdiedu b'267.

Ta' min jinnota wkoll li waqt li l-irġiel fis-suq tax-xogħol naqsu bi 341 fit-tnax-il xahar sa Settembru 2003, in-nisa żdiedu b'425.

Id-dħul mill-impjiegi kompla jiżdied. Il-ħaddiema tagħna qalgħu madwar Lm582 miljun, jiġifieri 3.8% aktar minn sena ilu.

### Qliegħ min-Negozju

Il-qliegħ min-negozju privat żdied ukoll u fl-ewwel disa' xhur tas-sena kien ta' Lm298.3 miljun.

## Setturi Ekonomiċi

*Agrikoltura u Sajd*

L-agrikoltura u sajd ingħataw importanza kbira fin-negozjati li għamilna mal-Unjoni Ewropea minkejja li dan is-settur jikkontribwixxi 2% tal-Prodott Gross Domestiku. Il-qasam agrikolu jrid ikompli jadatta biex jilqa' għall-isfidi li qiegħed jiffaċċja.

Biex dan ikun possibbli, dan is-settur se jingħata s-sena d-dieħla Lm12-il miljun f'għajnuna li minnhom 'l fuq minn Lm3 miljuni se jkunu forma ta' għotjiet mill-Unjoni Ewropea. Din l-għajnuna qed tingħata biex jissaħħu l-vijabbilità u l-kompetittività, jissaħħu l-prattiċi ambjentali tajbin, jittejjeb il-livell tal-għixien tal-bdiewa u jinfetħu opportunitajiet imprenditorjali li jagħtu ħajja ġdida lill-ekonomija rurali.

Parti mill-fondi ivvutati għall-agrikoltura se jintużaw biex nippromwovu r-riċerka fi prodotti ekoloġiċi u ta' kwalità biex nagħmluha possibbli għall-bdiewa biex ikunu jistgħu jbiegħu prodotti li huma ekoloġikament u ambjentalment tajbin.

Fil-qasam tas-sajd se nkomplu ngħinu biex nimmodernizzaw il-flotta u naddattawha skond ir-riżorsi għad-dispożizzjoni tagħna.

*Il-Manifattura*

Il-qasam tal-manifattura qed jittrasforma ruħu mill-qiegħ. Dan se jaffettwa l-infrastruttura li nipprovdu f'enerġija, telekommunikazzjoni, fabbriki u sostenn burokratiku. Qed naraw l-investiment li għandna jinbidel u jtejjeb il-livell tiegħu. Qed naraw li l-interess minn investiment barrani f'pajjiżna ġej minn dawk is-setturi li jeħtieġu livell għoli ta' riżorsi.

Din ir-realtà tfisser li l-investiment li l-pajjiż irid jagħmel fil-qasam industrijali irid ikun ħafna akbar milli hu llum. Is-setturi

li nistgħu nkunu kompetittivi fihom jeħtieġu fabbriki bi spazji akbar u bini bi speċifikazzjonijiet aktar għolja.

Il-kumpanija *Malta Industrial Parks Limited* se tingħata struttura biex tkun f'pożizzjoni tiżviluppa fabbriki għall-ġejjieni, taġġorna l-fabbriki li għandna llum, tara dak li jkun meħtieġ għall-manutenzjoni kemm fil-fabbriki nfushom kif ukoll fl-ispazji ta' madwar, u tamministra l-propjetà ndustrijali tal-Gvern.

Naħsbu li fl-erba' snin li ġejjin se jkollna ninvestu mal-Lm40 miljun f'dan l-iżvilupp. Hawnhekk ukoll ma nistgħux niffaċċjaw iċ-ċirkustanzi ġodda bil-politika antika fejn għandu x'jaqsam mal-allokazzjoni u l-kiri ta' fabbriki. Se tkun addottata politika ġdida li tassigura l-użu tajjeb tal-ispazji eżistenti u li l-kera mħallsa tkun ibbażata fuq kriterji kummerċjali, waqt li se nibqgħu nagħtu għajnuna lil investituri ġodda permezz ta' konċessjonijiet fl-ewwel sentejn ta' l-operazzjoni tagħhom. Din l-istrateġija għandha tiġġenera finanzi għall-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' propjetà ndustrijali, waqt li għandu jservi wkoll biex inaqqas id-domanda artifiċjali għall-ispazji li llum jintalbu peress li l-kera hi baxxa ħafna.

Fl-istess ħin se niġġeneraw finanzjament għal dan il-programm qawwi ta' żvilupp ta' fabbriki ndustrijali bi proċess ta' sekuritiżazzjoni tal-kirjiet li għandna llum u permezz ta' użu massimu tal-istokk ta' fabbriki eżistenti.

*Turiżmu*

Fit-Turiżmu, minkejja d-diffikultajiet, żammejna l-livelli tagħna.

It-turiżmu jrid ikun mibni fuq il-kwalità. Turiżmu li jirrendi hu dak li jiġbed lejna nies ta' kwalità li jiġu għandna għall-ambjent nadif u ndukrat tagħna, għax inżommu pajjiżna organiżżat u

sabiħ, għax aħna dixxiplinati, u għax nagħtu valur tajjeb għall-ħlas li nistennew.

Se nipprovdu Lm10 miljuni fuq perjodu ta' erba' snin biex isiru proġetti ta' tisbiħ għall-pajjiżna li jsaħħu l-attrazzjoni li għandu jkollna biex aktar turisti jiġu jżuruna. Dan se jitgawda ukoll mill-kunsilli lokali li l-lokalitajiet tagħhom huma f'żoni turistiċi. Però l-investiment tal-miljuni mill-privat u mill-Gvern mhux biżżejjed. Kull wieħed u waħda minna għandu sehem x'jagħti biex naraw din l-industrija mportanti tiffjorixxi.

Dan jirrikjedi tagħlim tajjeb miż-żgħar sa l-kbar u nfurzar effettiv tar-regoli u l-*istandards* kollha.

L-ispejjeż rikurrenti u kapitali tat-turiżmu u l-kultura se jiġu kkontrollati f'kont apposta (li se nispjega aktar il-quddiem) li jkun mibni mid-dħul tal-VAT minn lukandi u ristoranti, kif ukoll mill-flus li l-*Heritage Malta* jirnexxielha tiġbor mill-ħlas għad-dħul fis-siti taħt il-kura tagħha. Il-flus li jidħlu f'dan il-kont jiġu allokati għall-kontribuzzjoni lill-MTA, u l-*Heritage Malta*, l-ispiża tal-Ministeri konċernati, u l-proġetti kapitali ta' ndukrar tal-Wirt Nazzjonali u ta' l-iżvilupp u t-tisbiħ tal-prodott turistiku.

*Is-Self-employed*

Diġà qegħdin ngħinu lis-*self-employed* biex ikun jista' jittrasforma u jiżviluppa ruħu ħalli jkun jista' jintegra tajjeb fl-ordni ekonomiku li s-sħubija fl-Unjoni Ewropea u l-globalizzazzjoni qegħdin joħolqu.

Se nkomplu nżidu l-aċċess għall-finanzi meħtieġa mill-imprendituri żgħar billi nassiguraw li aktar kumpaniji jkunu jistgħu jissellfu mill-iskema tas-*Small Firms Loan Guarantee Scheme* li llum hi amministrata mill-IPSE u li se tgħaddi għall-*Malta Enterprise Corporation.*

Se nibdlu l-proċeduri biex is-*self-employed* u l-kumpaniji ż-żgħar ikollhom aċċess akbar għall-kuntratti pubbliċi. Dan billi, fejn hu possibbli, l-offerti għall-kuntratti jiġu organiżżati f'pakketti iżgħar li jkunu jistgħu jiġu maħduma minn ażjenda żgħira jew minn numru ta' ażjendi żgħar f'koperazzjoni bejniethom. Ma' dan se nintroduċu skema ta' reġistrazzjoni tal-kuntratturi.

*Il-Kummerċ*

Biex ngħollu l-livell tal-ekonomija hemm bżonn ngħollu l-livell tal-kummerċ. Aħna rridu niżviluppaw politika mprenditorjali biex inkunu nistgħu nieħdu vantaġġ aħjar tal-aċċess akbar li tagħtina l-Unjoni Ewropea, aċċess għal swieq mhux biss tagħha imma wkoll oħrajn li magħhom jeżistu ftehim bilaterali. Dan is-suq ħieles jagħmilha possibbli li nimbuttaw lil pajjiżna bħala ċentru ta' distribuzzjoni internazzjonali.

*Il-Konsumatur*

Ma nistgħux inżommu lura tibdil li bih insaħħu id il-konsumatur. Se nassiguraw li l-liġijiet li jirrigwardawh ikunu liġijiet li jifhem kulħadd u li kulħadd ikun jista' jiddetermina r-regoli applikabbli għalih.

Se jkun aċċertat li l-konsumatur jingħata l-informazzjoni li għandu bżonn u li din tkun imqassma u aċċessibbli għal kulħadd biex il-konsumatur ikun jista' jagħmel deċiżjonijiet indipendenti u infurmati.

*Il-Malta Enterprise Corporation*

Il-proċess ta' integrazzjoni tal-funzjonijiet tal-MDC, METCO u IPSE fil-*Malta Enterprise Corporation* issa qiegħed fi stadju avvanzat. Ġiet maħluqa entità li se tkun immexxija fuq prinċipji

ta' *capacity building* u ta' *focused marketing* ħalli jinġibed investiment ġdid lokali u barrani. Impriżi eżistenti, kbar u żgħar jiġu mgħejjuna jifirxu l-attività tagħhom fuq prodotti u servizzi ġodda kif ukoll fi swieq ġodda.

Din l-entità se tkun responsabbli biex tara li, b'sinerġija sħiħa ma' entijiet oħra, jiġu mħaddma bl-aktar mod effiċjenti dawk il-miżuri kollha li hemm bżonn biex pajjiżna jkun verament attrajenti għall-investitur u jkun verament kompetittiv.

*Is-Settur tas-Servizzi Finanzjarji*

B'kuntrast ma' dak li qiegħed jiġri fl-ekonomija ġenerali, is-settur tas-servizzi finanzjarji qiegħed jespandi b'ritmu qawwi u llum jikkontribwixxi madwar 12% tal-Prodott Gross Domestiku. Mingħajr ma tgħodd ditti ta' awdituri li jaħdmu f'dan is-settur, illum għandna madwar 5,500 ħaddiem *full time* f'dan il-qasam, barra mijiet oħra *part-time*.

Wara t-taħdidiet li kellna mal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea irnexxielna nżommu ntatt ir-reġim regolatorju li għandna. Dan juri l-mod għaqli li ħdimna bih fl-1994 meta bdilna d-direzzjoni tas-settur finanzjarju minn wieħed *offshore* għal wieħed *onshore*. Dan kollu jawgura tajjeb ukoll biex dan is-settur jibqa' jespandi fil-futur.

Il-liġi ġdida dwar it-*Trusts,* li se titressaq fil-Parlament fil-bidu tal-2004, se toħloq kamp ġdid fis-settur finanzjarju li se jkompli jsaħħaħ dan il-qasam speċjalizzat.

L-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji issa qiegħda fl-aħħar stadji ta' konsultazzjonijiet qabel ma tibda timplimenta programmi maħsuba biex igħinu s-settur tas-servizzi finanzjarji jiżviluppa l-potenzjal tiegħu fl-Unjoni Ewropea. Dawn l-inizzjattivi jkopru l-iżvilupp ta' riżorsi umani, l-introduzzjoni ta' servizzi b'bażi teknoloġika, *branding*, żvilupp regolatorju u ntrapriżi żgħar u medji.

## L-*Economic Survey*

Rapport dettaljat ta' kif sejra l-ekonomija tal-pajjiż jinsab fl-*Economic Survey* li tiegħu qed inpoġġi kopja fuq il-Mejda tal-Kamra. Ħarsa lejn l-andament tal-ekonomija din is-sena u kif wieħed ibassarha għas-sena d-dieħla qed jingħata f'Appendiċi 'Ċ' ma' dan id-Diskors.

# Il-Finanzi Pubbliċi

Is-sena 2003 għandha tagħlaq b'defiċit ta' Lm108 miljun, jew Lm33 miljun aktar milli previst, riżultat primarjament ta' dħul anqas minn dak li konna qegħdin nistennew. Dan ifisser defiċit ta' 6.3% tal-Prodott Gross Domestiku.

It-tbassir għall-2004 sar fir-realtà ġdida li se nibdew ngħixu f'pajjiżna mis-sena d-dieħla. Id-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea mhux biss se jagħti viżibbiltà ħafna akbar lil pajjiżna li għandu jżid ir-ritmu ta' l-attività ekonomika fis-snin li ġejjin, imma se jkollu ukoll effett dirett fuq id-dħul u l-ħruġ tagħna. Qed nistennew li s-sena d-dieħla d-defiċit ikun ta' Lm95 miljun jew 5.4% tal-Prodott Gross Domestiku.

## Trasparenza u kontroll fil-Finanzi Pubbliċi

Biex insaħħu t-trasparenza u l-kontroll fuq il-finanzi pubbliċi minn din is-sena se nibdew inħaddmu sistema fejn fil-Fond Konsolidat ser ikollna kontijiet sussidjarji għall-attivitajiet speċifiċi. Dawn il-kontijiet se jkunu mitmugħa minn dħul ta' taxxi li se jkunu dedikati għall-attività partikolari, waqt li se ninsistu li l-ispiża fuq dik l-attività ma taqbiżx id-dħul hekk iddedikat.

Fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali ġie propost li dawn il-kontijiet għandhom ikunu mħarsa minn kumitat magħmul, fost l-oħrajn, mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-attività partikolari, minn uffiċjal tal-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, minn persuna li tirrappreżenta lil dawk involuti fl-attività u minn rappreżentant tal-Kunsill. Dawn se jkollhom il-fakultà li jagħmlu skrutinju fuq il-mod kif id-dħul u l-ħruġ ikun qed jiġi amministrat, kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu meta l-ħruġ ikun se jaqbeż id-dħul allokat.

Se nibdew b'dawn il-kontijiet:
♦ Kont għat-Turiżmu u Kultura
♦ Kont għat-Toroq, Bini u Manutenzjoni
♦ Kont għas-Saħħa
♦ Kont għall-Ambjent u t-Tisbiħ.

Dan għandu jsaħħaħ l-għarfien li dak li qed niġbru qed imur biex iħallas għal proġetti konkreti. Dan għandu wkoll jixpruna lil kull ċittadin biex jingħaqad mal-isforzi tagħna biex niġġieldu l-evażjoni tat-taxxi kullimkien u f'kull ħin. Hekk kulħadd ikun qed jagħti l-parti tiegħu biex il-qafas soċjali u ambjentali ta' pajjiżna jissaħħaħ u mhux jitmermer.

## Dħul

Id-dħul totali fl-2003 mistenni li jkun ta' Lm741 miljun, jiġifieri Lm21 miljun aktar mis-sena ta' qabel imma Lm30 miljun anqas mill-istima li għamilna s-sena l-oħra.

Dan kien affetwat l-aktar minn tnaqqis ta' madwar Lm10 miljuni mill-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali, tnaqqis ta' Lm3 miljuni mid-dwana u tnaqqis ta' Lm6 miljuni mill-VAT, kollha effett ta' ekonomija aktar dgħajfa milli konna qegħdin nistennew. Kellna tnaqqis ta' Lm4 miljuni mid-dħul mill-logħob minħabba li r-riformi li konna ppjanajna ma seħħewx u Lm2 miljuni oħra mit-taxxa ta' reġistrazzjoni tal-karrozzi minħabba l-fatt li, qed jiġu mpurtati anqas karrozzi u parti akbar minn dawn qed ikunu karrozzi wżati li għandhom ir-rata ta' reġistrazzjoni tagħhom anqas minn dik dovuta fuq karrozzi ġodda. Imbagħad ma daħħalniex Lm14-il miljun li konna qed nistennew mill-Protokoll Finanzjarju Taljan billi dan kien għadu għaddej mill-proċess ta' ratifika fil-Parlament Taljan.

Parti minn dan it-telf għamilna tajjeb għalih bi dħul ta' Lm5 miljuni aktar minn dak proġettat mit-taxxa tad-dħul, Lm5 miljuni aktar fid-dħul mill-Bank Ċentrali u Lm7 miljuni mid-dħul fuq l-iskema ta' reġistrazzjoni ta' investimenti barranin li

erġajna nidejna din is-sena. Kif diġà tħabbar permezz ta' din l-iskema, ġew iddikjarati 'l fuq minn Lm130 miljun, flus tal-Maltin li qabel kienu mistura barra minn pajjiżna u li issa huma parti mill-ekonomija Maltija.

Matul l-2004, id-dħul għandu jiżdied b'Lm102 miljun għal Lm843 miljun. Kważi nofs din iż-żieda, jew Lm48 miljun hi dovuta għal għotjiet li nistennew mill-Italja u mill-Unjoni Ewropea. Żieda oħra se tkun l-effett ta' aktar infurzar fil-ġbir tat-taxxa, l-aktar fis-settur tal-propjetà kif ser nispjega aktar tard, u li għandha tirrifletti ruħha kemm f'aktar dħul fit-taxxa tad-dokumenti, kemm fil-VAT u kemm fit-taxxa tad-dħul. Imbagħad se nżidu d-dħul bil-miżuri li se nieħdu fil-VAT u fis-sisa. Dan għandu jagħmel tajjeb għat-tnaqqis ta' Lm8 miljuni li se jkollna mid-dħul mill-Bank Ċentrali, tnaqqis ta' Lm5 miljuni mit-tneħħija tat-taxxa tal-*levies* mill-1 ta' Mejju, 2004, u t-tnaqqis ta' darba fl-2004 ta' Lm15-il miljun mill-VAT li minn Mejju li ġej, flok tinġabar mid-Dwana malli l-prodotti mpurtati mill-Ewropa jidħlu f'Malta, tinġabar aktar tard mal-bejgħ tagħhom.

## Sisa

Iż-żieda fis-sisa se tiġi minn żieda fis-sisa fuq is-sigaretti li se jiżdiedu biex pakkett ta' l-20 *king size* jibda jinbiegħ Lm1.45c għall-konsumatur filwaqt li pakkett tal-20 *standard size* jibda jinbiegħ Lm1.30c u mis-sisa fuq it-tabakk tal-brim li se titla' għal Lm26.70 kull kilogram waqt li s-sisa fuq is-sigarri ssir Lm6 kull 1,000 sigarru.

Dan għandu jżid id-dħul b' Lm5 miljuni. Id-dħul kollu minn din it-taxxa se jkun allokat għall-Kont għas-Saħħa.

**Taxxa fuq bejgħ ta' Propjetà**

Se jkun hemm bdil fil-mod kif tiġi ntaxxata l-propjetà. Dan it-tibdil qiegħed isir biex insaħħu l-azzjoni tagħna kontra l-evażjoni.

*Ħelsien mit-Taxxa fuq Ristrutturar ta' Kumpaniji*

Il-provvedimenti dwar it-tneħħija tat-taxxa tal-boll u fuq il-qliegħ kapitali f'kumpaniji li jiġu ristrutturati se titneħħa. Din l-eżenzjoni kienet saret biex tagħmilha faċli għall-kumpaniji li jorganiżżaw l-attività tagħhom biex ikunu jistgħu jikkwotaw l-ishma tagħhom fil-Borża ta' Malta. Fil-fatt bqajna ma rajniex kumpaniji Maltin joffru l-ishma tagħhom lill-pubbliku imma dawn il-provvedimenti ntużaw b'mod ħażin biex jaħarbu t-taxxa fuq l-ispekulazzjoni tal-propjetà.

B'effett immedjat kull att ta' ristrutturar jew diviżjoni fejn tirrigwarda propjetà mmobbli trid issir b'att pubbliku.

Meta propjetà tiġi ttrasferita bejn kumpaniji tal-istess grupp, se tibqa' eżenti mill-boll u mit-taxxa. Pero, nenfasizzaw il-pożizzjoni kif inhi llum li, għall-finijiet ta' taxxa, ebda reviżjoni tal-valur ma tittieħed in konsiderazzjoni meta jiġi kkalkulat il-profitt mal-bejgħ tal-propjetà barra l-grupp.

*Kumpaniji li l-assi prinċipali tagħhom hi propjetà*

Il-liġi tat-taxxa tad-dħul se tkun emendata biex tiċċara l-interpretazzjoni tad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni li meta jinbiegħu ishma ta' kumpanija li l-assi ewlieni tagħha tkun propjetà, dan jitqies bħala bejgħ ta' propjetà. Għalhekk għall-fini ta' taxxa ta' dħul, taxxa kapitali u taxxa fuq il-boll, l-ammont li għandu jitħallas se jiġi maħdum qisu dan kien trasferiment ta' propjetà, mingħajr konsiderazzjoni ta' djun jew bilanċ ta' prezz. Kull tnaqqis ta' sehem tal-bejjiegħ permezz ta'

żieda fil-kapital jew transazzjonijiet simili hu meqjus bħala skemi għall-evażjoni tat-taxxa u jiġi njorat mid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni.

*Propjetà akkwistata b'wirt*

B'effett immedjat, meta propjetà ġejja minn wirt tinbiegħ se tkun taxxabbli bħal propjetà oħra. Il-valur tal-akkwist li jittieħed għall-kalkolu tal-profitti jkun il-valur denunzjat.

Għal skop ta' ekwità, fil-każ ta' propjetà li tkun intirtet qabel it-25 ta' Novembru, 1992 (id-data tat-tneħħija tat-taxxa tas-suċċessjoni), u li allura jista' jkun tħallset taxxa tas-suċċessjoni b'rata qawwija, it-taxxa se tkun waħda finali ta' 7% fuq ir-rikavat.

*Bidla fil-kalkolu tal-profitt taxxabbli*

Illum, fil-kalkolu tat-taxxa fuq il-qligħ minn propjetà mixtrija qabel it-25 ta' Novembru, 1992, il-profitti taxxabbli huma meqjusa bħala proporzjon tan-numru tax-xhur bejn din id-data u d-data tal-bejgħ u n-numru ta' xhur mid-data tal-akkwist sad-data tal-bejgħ.

B'effett immedjat, dan il-kalkolu se jispiċċa u l-profitti se jkunu ntaxxati fl-intier tagħhom.

*Notifikazzjoni ta' Konvenji*

Konvenji marbuta ma' bejgħ jew trasferimenti ta' propjetà għandhom jiġu notifikati lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni. Man-notifika għandha titħallas taxxa proviżorja fuq id-dokument ta' 1% fuq il-valur li bih il-propjetà tkun ser tinbiegħ. Din it-taxxa tkun imnaqqsa mill-ammont ta' taxxa dovuta meta

jsir il-kuntratt finali jew tkun mogħtija lura fil-każ li l-konvenju jitħassar.

Dan se jkun applikabbli mill-1 ta' Jannar, 2004. Konvenji eżistenti għandhom jiġu notifikati taħt dawn il-provedimenti ġodda sat-30 ta' Ġunju, 2004. Konvenji li l-kuntratt relattiv magħhom isir qabel din id-data m'hemmx bżonn jiġu notifikati.

Ebda konvenju li ma jkunx reġistrat skond dawn ir-regolamenti ma jkollu validità legali.

## Il-VAT

L-ogħla rata tal-VAT se tiżdied minn 15% għal 18%. Dan se jsir b'effett mill-ewwel ta' Jannar 2004. Qed nagħmluha ċara li mhux se jkun hemm tibdil fil-VAT imħallsa fuq prodotti u servizzi li huma eżenti bi kreditu, bħall-ikel u l-mediċini, jew li għandhom imposta fuqhom ir-rata mnaqqsa ta' 5% bħat-turiżmu.

Id-dħul minn din iż-żieda hu stmat li għandu jammonta għal Lm21 miljun u se jkun allokat kollu għall-kont tas-saħħa. Hu mportanti li kull ċittadin Malti jagħmel l-almu tiegħu kollu biex jaċċerta ruħu li din it-taxxa qed tinġabar biex nassiguraw is-servizz tas-saħħa fil-ġejjieni. Dan nagħmluh billi nesiġu rċevuta fiskali għal kull akkwist li nagħmlu u li hu taxxabbli. Kulħadd għandu sehem dirett x'jagħti u hu dover soċjali li dan is-sehem nagħtuh kollu.

Iż-żieda fl-ogħla rata tal-VAT se tirriżulta f'żieda ta' darba fir-rata ta' nflazzjoni ta' madwar 1.9%. Din iż-żieda m'għandhiex ikollha effett sinifikanti fuq l-inflazzjoni fi żmien li din hi fl-aktar livelli baxxi f'dawn l-aħħar snin, u meta matul is-sena d-dieħla se jitneħħew il-*levies* li baqa', l-aktar fuq prodotti tal-ikel, u li wkoll għandu jkollu effett ta' trażżin tal-prezzijiet.

L-effett fuq l-għoli tal-ħajja ta' din il-miżura jinkorpora ruħu fiż-żieda tal-għoli tal-ħajja maħduma f'Settembru, 2004 u tiġi

miżjuda mal-pensjonijiet u l-pagi fl-2005. Biex intaffu l-effett matul l-2004, se jingħata *bonus* speċjali mill-Gvern ta' 75ċ fil-ġimgħa jew Lm39 għal sena, li jitħallas lill-pensjonanti u lill-ħaddiema kollha f'Marzu, 2004.

Fl-istess ħin se ngħatu wkoll *bonus* speċjali ta' 25ċ fil-ġimgħa jew Lm13 is-sena d-dieħla lil dawk kollha li jieħdu l-assistenza supplimentari. Għalhekk ħaddiema u pensjonanti bl-anqas dħul se jieħdu b'kollox Lm52 għal sena. B'hekk ħadd ma jibqa' lura.

## Taxxa Addizzjonali fuq Vetturi Wżati

*Tabella 5*

**Importazjoni ta' Karrozzi**

| | 2000 | 2001 | 2002 | Sett 2003 |
|---|---|---|---|---|
| **Godda** | 10116 | 7292 | 7009 | 4008 |
| **Uzati** | 1502 | 2157 | 2555 | 2658 |
| **Total** | 11618 | 9449 | 9564 | 6666 |
| *% ta' Uzati* | *13%* | *23%* | *27%* | *40%* |

*Tabella 6*

| Kapaċita | | Taxxa ta' Reġistrazzjoni Minima | |
|---|---|---|---|
| minn | sa | Kurrenti | Proposta |
| 0 | 1000 | 1070 | 1,200 |
| 1000 | 1300 | 1350 | 1,500 |
| 1300 | 1500 | 1600 | 2,200 |
| 1500 | 1800 | 2770 | 2,900 |
| 1800 | 2000 | 4000 | 4,200 |
| 2000 | 2500 | 7000 | 7,300 |
| 2500 | 3000 | 8000 | 8,400 |
| 3000 | - | 10000 | 11,000 |

L-istatistika turina li l-importazzjoni ta' vetturi użati żdiedet ħafna matul dawn l-aħħar snin (Tabella numru 5). Minn 13% tal-karozzi kollha mportati din telgħet għal 40%.

Huwa fatt evidenti li vettura użata qatt ma tista' tilħaq il-livelli ambjentali bħal vettura ġdida.

Imbagħad, lanqas ma rridu li Malta tieħu l-fama li hija l-post fejn jiġu *dumped* vetturi wżati li jkunu ġew skartati f'pajjiżi oħra.

Biex jiġi kkontrollat dan il-fenomenu se tiġi aġġustata t-taxxa ta' reġistrazzjoni minima li titħallas mal-importazzjoni ta' karozzi wżati b'effett mill-1 ta' Diċembru, 2003. Dan it-tibdil se jkun kif muri f'tabella numru 6 u mhux se jaffettwa vetturi kummerċjali.

**Sussidji tas-Sigurtà Soċjali lill-Bdiewa u lis-Sajjieda**

L-eżenzjoni parzjali li hemm illum fil-ħlas tas-sigurtà soċjali għall-bdiewa u s-sajjieda f'koperattivi se tispiċċa mill-1 ta' Jannar, 2004. Dan billi issa bdiet titħaddem skema ta' tassazzjoni ġdida fuq id-dħul għall-bdiewa u ngħatat għajnuna lis-sajjieda fl-operat tagħhom.

**Fondi tal-Unjoni Ewropea**

Matul is-sena d-dieħla se jibdew deħlin ukoll fondi mill-Unjoni Ewropea. Kif għidt qabel, is-sħubija fl-Unjoni Ewropea se ġġib magħha kemm dħul kif ukoll ħruġ. Id-dħul matul din is-sena hu mistenni jkun ta' Lm33 miljuni. Minn dawn, Lm21 miljun se jidħlu bħala għotja waqt li Lm12-il miljun se jidħlu bħala ħlas għall-proġetti u programmi ta' fejda. Dawn jinkludu proġetti fil-qasam tat-trasport, ambjent, edukazzjoni u taħriġ, agrikoltura u sajd, industrija u turiżmu.

Kontra dawn se noħorġu Lm29 miljun. Dawn jinkludu Lm18-il miljun bħala kontribuzzjoni tagħna lejn l-Ewropa, Lm4 miljun lira sehemna minn nefqa fuq proġetti li se jkunu finanzjati flimkien mal-Unjoni Ewropea, u Lm7 miljun liri li qed ikunu mħallsa bħala sussidji fuq ċereali, zokkor, prodotti tal-laħam u tal-ħalib, u prodotti ta' tadam semi-proċessat.

**Il-Protokoll mal-Gvern Taljan**

Il-Protokoll Taljan mistenni li jkun ratifikat mill-Parlament Taljan fil-jiem li ġejjin u se jkun qed jitħaddem bis-sħiħ matul is-sena li ġejja. B'kollox se jintużaw Lm18-il miljun mogħtija mill-Gvern Taljan fuq proġetti maqbula ta' toroq ġodda, tisfija tad-drenaġġ, faċilitajiet fil-biċċerija, tagħmir ta' sorveljanza marittima, u fornitura għall-isptar *Mater Dei*.

## Nefqa Rikurrenti

Matul din is-sena, irnexxielna nirreżistu għat-talbiet għal aktar flus li ġew mid-dipartimenti differenti tal-Gvern, anki biex isostnu l-għafsa akbar li ekonomija kajmana tqiegħed fuq il-Gvern.

Matul l-2003, ħallasna miljun lira anqas milli pproġettajna f'pagi, imma mbagħad kellna nonfqu miljun lira aktar f'mediċini u *supplies* għall-operazzjonijiet.

Matul l-2003, infaqna Lm5 miljuni aktar f'benefiċċji soċjali, l-aktar minħabba n-numru akbar ta' nies li qed jirtiraw kmieni (*boarding out*), Lm5 miljuni aktar f'pensjonijiet tat-Teżor, Lm3 miljuni f'assistenza soċjali, miljun lira f'sussidju fuq il-qmuħ, u miljun lira fuq pensjonijiet ta' ħaddiema tat-Tarzna li rtiraw kmieni s-sena l-oħra. Matul din is-sena għamilna pressjoni kbira fuq id-dipartimenti u l-entijiet pubbliċi biex innaqqsu l-ispiża kemm stajna, mhux b'mod diskriminatorju u bl-addoċċ, imma b'mod selettiv. B'hekk irnexxielna li fl-aħħar spiċċajna biex in-nefqa fi programmi u inizjattivi tiżdied biss b'Lm5 miljuni.

Is-sovvenzjonijiet li joħorġu mill-Fond Konsolidat għall-entitajiet pubbliċi, irnexxielna nnaqqsuhom b'Lm4 miljuni minn dak previst, imma mbagħad ħallasna Lm4 miljuni aktar f'imgħaxijiet.

Fl-2004, in-Nefqa Rikurrenti se tiżdied b'Lm69 miljun li Lm48 miljun minnhom huma relatati mad-dħul minn għotjiet li semmejt qabel. Imbagħad se jkun hemm żieda fin-nefqa ta' Lm7 miljuni fuq is-servizzi soċjali u pensjonijiet tat-Teżor, ta' Lm3 miljuni fin-nefqa fuq is-saħħa, ta' miljun lira aktar fuq l-edukazzjoni u ta' Lm9 miljuni aktar fuq ħlas ta' imgħaxijiet.

**Anzjani**

Anke hawn għandu jiġi żviluppat il-kunċett tal-*Public Private Partnership* li bih is-settur privat jidħol għall-piż tal-bini ta' djar fuq livelli stabbiliti u l-Gvern jikri numru ta' kmamar f'dawn id-djar biex jallokahom għal anzjani li, altrimenti, ma jkollhomx meżżi biex jieħdu dan is-servizz privatament.

Mis-sena d-dieħla, anzjani li jkunu alloġġjati f'istituzzjonijiet tal-Gvern jew fi djar immexxija mill-privat taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership*, se jibdew jikkontribwixxu 80% tal-pensjonijiet tagħhom minflok 60% kif qed jagħmlu llum billi s-servizz li jkunu qed jingħataw ikun servizz totali li jieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha tagħhom ta' alloġġ, ikel u mediċina. Minn sorsi oħra ta' dħul, bħal m'huma depożiti fil-banek li dawn l-anzjani jista' jkollhom, il-kontribuzzjoni attwali ta' 60% se tibqa' kif inhi llum. Waqt li se jitneħħa l-ammont massimu ta' din il-kontribuzzjoni, l-ammont ta' Lm550 fis-sena stabbilit sa llum bħala il-minimu li għandu jibqa' f'idejn l-anzjani wara dan it-tnaqqis, se jiżdied għal Lm600 fis-sena. Dan id-dħul se jibda jgħaddi lill-Fond Konsolidat li mbagħad jipprovdi b'mod kontrollat u prijoritarju għall-iżvilupp u t-titjib li għandu jsir f'dan il-qasam.

Is-sena l-oħra konna kkalkulajna ż-żieda għall-għoli tal-ħajja fuq in-nefqa tal-pensjonanti u konna tajna ż-żieda sħiħa li rriżultat minn dak il-kalkolu minflok iż-żewġ terzi ta' l-għoli tal-ħajja li jingħata lill-ħaddiema kif kien isir qabel.

Din is-sena reġa' sar l-istess kalkolu mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u rriżulta li din iż-żieda tkun ta' 45ċ fil-ġimgħa. Billi żewġ terzi taż-żieda għall-għoli tal-ħajja tal-ħaddiema jitilgħu għal 50ċ fil-ġimgħa, il-pensjonanti wkoll se jingħataw 50ċ fil-ġimgħa.

Is-sistema ta' l-aġġustament għall-għoli tal-ħajja tal-pensjonijiet għall-futur se tkun parti mid-diskussjonijiet li qed isiru fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali u li għaliha jipparteċipaw l-għaqdiet tal-pensjonanti fil-kuntest tar-riforma tal-pensjonijiet.

**Persuni bi Bżonnijiet Speċjali**

Fil-qasam ta' servizzi għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, il-Gvern diġà qed jipprovdi għal numru ta' ċentri fejn dawn ikunu jistgħu jingħataw xi forma ta' taħriġ li jista' jgħinhom ikunu xi ftit indipendenti f'ħajjithom. Il-ħtiġijiet ta' dan is-servizz qegħdin dejjem jikbru u għalhekk qed jinħass il-bżonn għal aktar ċentri bħal dawn biex tonqos il-pressjoni ta' ħidma fuq dawk eżistenti u tkompli tintlaqa' d-domanda għal servizzi estiżi.

Għalhekk, fl-2004 se niftħu *Resource Centre* ġdid għal persuni b'diżabilità li jkun jista' jilqa' fih persuni li joħorġu minn skejjel speċjalizzati għalihom u wħud minn dawk li diġà qed jingħataw is-servizz f'ċentri oħra pjuttost iffullati.

## Nefqa Kapitali

In-Nefqa Kapitali se tonqos b'Lm2 miljuni fl-2003 għalkemm kellna nefqa akbar fuq investiment għall-ambjent u l-effiċjenza tat-trasport pubbliku permezz ta' xiri ta' karrozzi tal-linja ġodda u nefqa akbar fl-attrezzatura tal-Laboratorju Nazzjonali li jrid jinġieb malajr fuq livelli li jista' jagħti s-servizz mistenni minnu. Din in-nefqa għandha tgħin l-iżvilupp industrijali nnovattiv li hu meħtieġ f'pajjiżna.

Din is-sena ħadna wkoll l-ispiża ta' Lm4 miljuni mħallsa lill-ħaddiema tat-Tarzna li għażlu li jirtiraw kmieni bħala parti mir-riforma li saret.

In-Nefqa Kapitali fl-2004 se tkun ta' Lm127 miljun jiġifieri Lm20 miljun aktar minn din is-sena, minħabba nefqa akbar fuq l-isptar *Mater Dei* li għalih, fl-2004, qed nipprovdu Lm43 miljun billi issa wasal fl-istadju ta' attrezzament.

Bħalma diġà semmejna, Lm18-il miljun lira minn din in-nefqa kapitali mistennija jkunu ffinanzjati mill-Protokoll Taljan.

## Il-Privatiżżazzjoni

Għalkemm iż-żminijiet kienu u għadhom diffiċli u l-attività politika fl-ewwel nofs tas-sena dewmet xi ftit il-proċess ta' privatiżżazzjoni, komplejna bil-ħidma tagħna f'dan il-qasam.

### Il-Malta Freeport Terminals Ltd.

Fil-każ tal-privatiżżazzjoni tal-*Malta Freeport Terminals Ltd.* ilħaqna qbil preliminari mal-kumpanija CMA/CGM, l-akbar klijent tal-Port, biex nagħtuh il-*management* tat-terminal għal 30 sena. Issa għandna nidħlu f'negozjati dettaljati kif ukoll f'konsultazjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema li jaħdmu f'din l-intrapriża.

### Il-Lottu Pubbliku

Għalaqna wkoll in-negozjati ma' kumpanija magħmula minn investituri Griegi u Maltin biex dawn imexxu l-logħob tal-Lottu f'Malta għas-seba' snin li ġejjin. Il-kuntratt hu mistenni li jiġi ffirmat kmieni s-sena d-dieħla.

### Pjani oħra

Wasalna biex nieħdu d-deċiżjoni dwar il-*Mediterranean Offshore Bunkering Company Limited.*

Matul is-sena d-dieħla, se jinbeda l-proċess għall-bejgħ ta' ishma tal-Bank of Valletta plc. u tal-Maltacom plc. li għadhom f'idejn il-Gvern.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat 2003/2006** | | | | | | | |
| | 2003 | | | 2004 | | 2005 | 2006 |
| | **Stima** | **Budget** | **Diff** | **Stima** | **Diff minn 2003** | **Stima** | **Stima** |
| Taxxa Diretta | | | | | | | |
| Taxxa fuq id-dħul | 203.40 | 198.80 | 4.60 | 213.80 | 10.40 | 222.10 | 232.40 |
| Sigurta Soċjali | 189.50 | 199.00 | -9.50 | 194.60 | 5.10 | 199.10 | 203.60 |
| **Total** | **392.90** | **397.80** | **-4.90** | **408.40** | **15.50** | **421.20** | **436.00** |
| Taxxa Ndiretta | | | | | | | |
| Dwana | 11.84 | 13.04 | -1.20 | 12.65 | 0.81 | 13.16 | 13.36 |
| Sisa | 51.50 | 53.45 | -1.95 | 56.59 | 5.09 | 56.89 | 62.09 |
| Liċenzji | 86.51 | 91.33 | -4.82 | 108.40 | 21.89 | 101.38 | 104.32 |
| VAT | 125.00 | 130.95 | -5.95 | 140.50 | 15.50 | 162.00 | 167.50 |
| **Total** | **274.85** | **288.77** | **-13.92** | **318.14** | **43.29** | **333.43** | **347.27** |
| Dħul Ieħor | **72.86** | **83.96** | **-11.10** | **116.46** | **43.60** | **116.58** | **104.80** |
| Dħul Rikorrenti | **740.61** | **770.53** | **-29.92** | **843.00** | **102.39** | **871.21** | **888.07** |
| Pagi | 196.57 | 197.78 | -1.21 | 199.61 | 3.04 | 203.89 | 208.22 |
| Spejjeż Operattivi | 45.79 | 44.86 | 0.93 | 47.09 | 1.30 | 46.86 | 46.86 |
| Programmi u Inizjattivi | 363.94 | 358.53 | 5.41 | 413.10 | 49.16 | 410.50 | 416.91 |
| Enti Pubbliċi | 72.49 | 76.23 | -3.74 | 79.44 | 6.95 | 86.73 | 90.07 |
| Interessi | 63.15 | 59.80 | 3.35 | 71.91 | 8.76 | 72.54 | 78.45 |
| **Total Sp. Rikorrenti** | **741.94** | **737.20** | **4.74** | **811.15** | **69.21** | **820.52** | **840.51** |
| Deficit Rikorrenti | **-1.33** | **33.33** | **-34.66** | **31.85** | **33.18** | **50.69** | **47.56** |
| Kapital | **106.29** | **108.16** | **-1.87** | **126.66** | **20.37** | **124.00** | **99.78** |
| **Deficit** | **-107.62** | **-74.83** | **-32.79** | **-94.81** | **12.81** | **-73.32** | **-52.22** |

## Is-snin 2005 u 2006

Matul l-2005 u l-2006, qegħdin nipprogrammaw tnaqqis fid-defiċit ta' madwar Lm20 miljun fis-sena. L-ixprun ta' dan it-tnaqqis se jkun minn naħa l-impenn qawwi tagħna biex

inkomplu l-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa biex insaħħu d-dħul minn taxxi li għandhom jinġabru, u minn naħa l-oħra mir-reviżjoni tal-istrutturi tal-ispejjes biex nassiguraw illi l-flus miġbura mit-taxxi jiġu applikati għall-ġid komuni: kemm bħala investiment biex noħolqu ġid għall-futur u kemm għall-wens għal min verament għandu bżonn.

Qegħdin naraw li l-2006 għandha tispiċċa b'defiċit ta' Lm52 miljun jew 2.8% tal-Prodott Gross Domestiku.

Tabella Numru 7 li nitlob lil Kamra tieħu bħala b'moqrija tagħti dettalji ta' dħul u nfieq bejn l-2003 u l-2006.

## Estimi Ġenerali

Rapport dettaljat tal-qagħda finanzjarja jinsab fl-Estimi Ġenerali li qiegħed inpoġġi kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra u fl-Appendiċi 'D' dettaljata mehmuża ma' dan id-Diskors.

# Riformi

Il-fus ewlieni li fuqu jrid idur il-futur ta' pajjiżna hu l-kompetittività.

Nirrikonoxxu l-fatt li l-bini ta' ekonomija aktar b'saħħitha hu proċess kumpless li jinvolvi fih aspetti differenti ta' *policy*. Nifhmu li l-bidla hi proċess kontinwu mhux azzjoni ta' darba u għandha tkun sinkronizzata mal-iżvilupp tas-soċjetà. Għalhekk, ma nistgħux naċċettaw soluzzjonijiet simplistiċi li ħafna drabi jkunu bbażati fuq ideoloġiji u nteress minflok fuq l-esperjenza u s-sens komun.

Bħala membru tal-Unjoni Ewropea pajjiżna jifforma parti minn blokk bi strateġija mmirata li sal-2010 ikun l-iżjed blokk kompetittiv mibni fuq teknoloġiji ġodda.

## Sfidi

L-isfidi li qed niffaċċjaw huma l-istess bħal dawk li qed jiffaċċjaw ħafna pajjiżi oħra:

- It-tisħiħ tal-kompetittività ekonomika
- It-titjib fil-livell tal-edukazzjoni
- Riforma fil-kultura tas-settur pubbliku
- It-tisħiħ tal-moralità fiskali
- Riforma fil-pensjonijiet
- Riforma fis-servizzi tas-saħħa
- It-twettiq tal-ġustizzja soċjali
- Il-ħarsien tal-ambjent.

### *Social Market Economy*

Waqt li l-inizzjattiva privata, is-suq ħieles u d-dixxiplina fis-suq huma l-muturi li effettivament isuqu l-ekonomija, hemm ukoll il-ħtieġa ta' responsabbiltà soċjali korporattiva u kollettiva.

Il-libertà li tinnegozja u li tagħmel qliegħ raġjonevoli tiġbed magħha d-dover ta' solidarjetà u ġustizzja lejn il-komunità, l-obbligu li titħares il-liġi u l-impenn li jiġu rispettati l-ambjent u n-natura.

Il-Gvern jibqagħlu l-obbligu mhux biss li jara li l-ambjent li fih trid tiżviluppa l-ekonomija jkun wieħed san u ekwu imma ukoll li jassigura it-tkomplija ta' dik l-attività meħtieġa għall-iżvilupp tas-soċjetà u għall-ħarsien taċ-ċittadini imma, li għax ma tipprovdix l-inċentivi finanzjarji, is-settur privat ma jidħolx għaliha.

## Il-Globalizzazzjoni

Din ir-riforma trid isseħħ fl-ambjent ta' globaliżżazzjoni li ħakmet lid-dinja.

Ħafna jaraw il-globaliżżazzjoni bħala theddida. Hu veru li l-globaliżżazzjoni qed tgħaġġel ħafna l-pass tal-bidla bil-ftuħ li qiegħda ġġib fis-swieq ta' kull pajjiż u bir-rivoluzzjoni teknoloġika li qed naraw, u bl-isplużjoni fil-mezzi tal-komunikazzjoni li ħolqu tibdil sinifikanti u kostanti fil-gosti tan-nies.

Hu veru wkoll li din it-tromba ta' tibdil qed tirriżulta f'theddida għax-xogħol ta' x'uħud, kemm dawk li jaħdmu għal rashom, kif ukoll dawk li jħaddmu u dawk li jaħdmu.

Imma l-globaliżżazzjoni tfisser ukoll opportunitajiet ġodda u kbar, tfisser ħajja aħjar. Hi rivoluzzjoni li mhix se titwaqqaf.

## Il-Kompetittività

Il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali qed jaħdem biex jiġi żviluppat indiċi ta' kompetittività li għandu jindikalna fejn jeħtieġ isir aktar biex insaħħu l-kompetittività tagħna. Aktar minn hekk, il-Kunsill hu kommess li flimkien naraw dawk il-fatturi kollha li jaffettwaw il-kompetittività biex flimkien naslu għal Patt Soċjali li għandu jwitti t-triq biex inħaffu l-pass tal-progress.

Fil-fatt, il-kompetittività tiżdied aktar ma jkun hemm flessibbiltà fl-użu tal-fatturi tal-produzzjoni. Dan jista' jseħħ billi:

- niżguraw kompetizzjoni fis-swieq tal-fatturi ekonomiċi kollha ħalli niżguraw li kull żieda fl-ispiża tkun newtraliżżata bi produttività akbar;
- nnaqsu l-ispiża tas-settur pubbliku kemm bħala piż finanzjarju u kemm bħala piż burokratiku fuq l-ekonomija kollha;
- nsaħħu l-flessibiltà fis-suq tax-xogħol ħalli nneħħu dak kollu li hu ta' xkiel biex il-ħaddiem isib postu fl-impjieg li fih jikkontribwixxi l-aktar;
- niffaċilitaw lis-settur produttiv biex jutilizza ir-riżors uman li hu qiegħed jew mhux produttiv biżżejjed;
- nsaħħu r-riżors uman tagħna bi skemi ta' taħriġ li jżomm lill-ħaddiema tagħna aġġornati f'kull livell u li jgħaddilhom ħiliet u snajja' ġodda;
- l-prinċipji tal-governabbilità ażjendali jkunu mħaddma bi skruplu kbir. Dan joħloq klima tajba bejn il-partijiet kollha nvoluti fl-operat tal-ażjenda, iżid il-kompetizzjoni, u jeħles lil kulħadd mit-toqol tal-intriċċi; u
- nsaħħu l-proċessi ta' produzzjoni u *marketing* bi żvilupp ta' prodotti u sistemi ġodda.

## Riċerka u Innovazzjoni

Dan hu possibbli biss b'ritmu qawwi ta' riċerka u nnovazzjoni. Dan hu mutur prinċipali li fuqu noħolqu x-xogħol. Dan ġie mħabbar b'mod qawwi mill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea meta varaw l-Inizzjattiva ta' Lisbona li tinkludi pjan biex l-ekonomiji tagħna jkunu msejsa fuq l-għerf u t-tiġdid.

Qed nieħdu miżuri biex ngħinu kemm nistgħu r-riċerka u l-innovazzjoni f'pajjiżna. *Il-Malta Enterprise Corporation* se tiżgura t-tħaddim tajjeb tat-*Technology Venture Fund* li ġie mwaqqaf is-sena li għaddiet u li issa tlestew it-tħejjijiet kollha biex ikun jista' jibda jaħdem. Se jiġu ikkonsolidati u msaħħa l-inċentivi li qed jingħataw għar-riċerka fis-sistema ta' tassazzjoni.

Bl-għajnuna tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija iffinalizżajna programm ta' żvilupp fis-settur tar-riċerka biex tingħata għajnuna lill-ażjendi tagħna, kbar u żgħar, ħalli jkunu jistgħu joħolqu, jżidu u jiżviluppaw il-kapaċità ta' riċerka u nnovazzjoni weħidhom jew ma' oħrajn.

Hekk, individwi u ażjendi Maltin ikunu jistgħu jipparteċipaw fi programmi ta' riċerka ma' l-Università u ma' kumpaniji u entijiet lokali u barranin. Se jiġi msaħħaħ is-*support* li jingħataw ir-riċerkaturi biex il-frott tar-riċerka tagħhom ikun jista' jitpoġġa fis-suq u, għalhekk, joħloq attività ekonomika.

## L-Edukazzjoni

Il-mira tagħna fis-settur edukattiv hi li s-sistema tagħna trid tindirizza l-iżvilupp komplet tal-bniedem. Tagħtih l-għodda biex jaħdem u jipparteċipa fl-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż waqt li tagħnih bl-għarfien tal-kultura tagħna u ta' ċiviltajiet oħra. Trid ukoll tiġbed ħafna aktar żgħażagħ biex ikomplu l-istudji tagħhom f'livelli għolja.

Is-sistema tal-edukazzjoni hi kolonna mportanti li fuqha tiddependi l-kapaċità tagħna li nagħmlu r-riċerka kif ukoll il-kapaċità tagħna li nassorbu t-teknoloġiji ġodda li niġu f'kuntatt magħhom. Għalhekk, qed nespandu l-programm tal-*e-learning.*

It-tibdil kontinwu li qed niffaċċjaw fid-dinja jġegħlna nżidu l-flessibiltà biex is-sistema edukattiva tagħna taddatta malajr u kontinwament għall-ħtiġijiet ġodda li jinħolqu minn żmien għal żmien. Dan isir billi nsaħħu l-aġġornament kontinwu, kemm tal-għalliema u kemm it-tfassil tal-korsijiet li jingħataw.

Għalkemm l-investiment fl-edukazzjoni qiegħed dejjem jikber, dan it-tibdil ma jistax iseħħ billi nkomplu nżidu saffi ta' spejjeż ma' dawk li għandna imma billi nirrevedu b'mod kostanti r-riżorsi li qed jiġu wżati u nipprijoritiżżaw skond il-ħtiġijiet tal-lum u ta' għada.

## Kumpaniji Parastatali

Qegħdin naħdmu biex inwittu l-toqob ta' l-ineffiċjenza li jeżistu fis-settur pubbliku. Hemm bżonn impenn minn kulħadd fil-bidla radikali fil-kulturi tat-tmexxija u fil-prattiċi tax-xogħol.

Jibqa' għan ewlieni tagħna li neqirdu l-inġustizzja taż-żewġ *standards* li teżisti llum fl-etika ta' tmexxija u ta' xogħol fis-settur pubbliku u dak privat.

Ikun ġust li kemm jista' jkun servizz għandu jitħallas minn min jirċevih. Fl-istess ħin aħna konxji li ċerti servizzi essenzjali għandhom jibqgħu pprovduti b'xejn jew b'sussidju qawwi biex jiġi żgurat aċċess sħiħ għal kulħadd. Dan is-sens ta' solidarjetà jrid jibqa' qawwi.

**It-Tarzna**

Din is-sena qed naraw il-bidu ta' l-implementazzjoni tal-pjan għat-tiġdid tat-tarznari. Iż-żewġ tarznari tal-lum mhux se jkomplu joperaw u d-djun li dawn kellhom mal-banek u mal-Gvern, u li jammontaw għal Lm300 miljun se jinqata' minn fuqhom. Sar qbil mal-GWU li, fost oħrajn, jipprovdi għal riforma qawwija fil-prattiċi tax-xogħol li għandha żżid l-effiċjenza u tiġġenera riżorsi li jkunu jistgħu jagħmlu tajjeb għal parti dejjem akbar tal-ispiża biex titmexxa t-Tarzna.

Twaqqfu żewġ kumpaniji, waħda li se tkompli tmexxi l-operat tat-tarznari tal-lum u l-oħra li fiha se jiġu miġbura n-nies meqjusa żejda għall-bżonn tal-ewwel ażjenda u li se jkunu mħaddma fuq xogħol produttiv f'oqsma differenti. Għal dawn ġew imnedija skemi ta' rtirar kmieni mix-xogħol.

Il-qbil fuq il-ftehim kollettiv fetaħ it-triq biex il-vijabilità tat-Tarzna ssir possibbli. Dan il-qbil hu msejjes fuq il-prinċipju li d-dħul tal-ħaddiema għandu jkun marbut mal-produttività.

Wara l-2008 it-Tarzna trid tkun qed taħdem mingħajr bżonn ta' sussidju. Biex dan iseħħ, il-*management* u l-ħaddiema jridu jaħdmu id f'id biex jaraw kif se jġibu x-xogħol, kif dan ix-xogħol jinħadem bl-aqwa kwalità, fl-iqsar żmien u bl-anqas spiża. Kulħadd irid jifhem li minn dan is-suċċess jiddependu l-impjiegi u l-pagi ta' kull min hu konness ma' din l-ażjenda.

Is-sussidju lit-Tarzna se jkun iffissat b'mod li jonqos kull sena sabiex tiġi żgurata d-dixxipplina li kull ma jiġri fit-Tarzna jeffettwa r-riżorsi li minnhom iridu jitħallsu l-pagi. Ir-riżorsi jiżdiedu b'aktar xogħol u b'aktar produttività. Dan is-sussidju, li se jkun ikkalkulat bħala persentaġġ tal-paga bażika fit-tarzna, jgħaddi lit-Tarzna f'forma ta' kapital.

Hekk is-sena d-dieħla, il-produzzjoni tat-Tarzna trid tkun biżżejjed biex tifdi l-ispejjeż u tħallas għal 30% tal-pagi tal-

ħaddiema. Dan l-aħħar persentaġġ irid jiżdied minn sena għal sena hekk kif il-produttività u l-effiċjenza għandha tikber.

## L-Ambjent

Meta nitkellmu fuq l-ambjent irridu nibdew inħarsu minn lenti differenti. Minn banda ma nistgħux ma ninnutawx it-tisbiħ tal-ambjent urban li sar bix-xogħol intensiv u għaqli fit-toroq permezz tal-*public private partnership* li ħloqna s-sena l-oħra. Imma l-kwalità tal-ambjent mhux biss l-indafa u s-siġar. Hi l-kwalità ta' l-arja, l-ilma u l-ħoss (*noise pollution*), kif ukoll id-diversità fil-ħlejjaq u l-ambjenti naturali.

Ħajjitna tiddependi mill-ambjent li nżommu madwarna. L-istil ta' ħajja li qed ngħixu qed joħloq pressjoni kbira fuq l-ambjent bil-produzzjoni qawwija ta' skart, u bit-tniġġiż li jirriżulta mill-użu ta' *fuels* u kimiċi.

Il-prattika trid tkun li nnaqqsu l-iskart u t-tniġġiż kemm jista' jkun. Dan jista' jsir bi tliet modi:

- B'tagħlim kostanti li jfisser l-għażliet li għandna quddiemna u kif inkunu aktar attenti għal kull ma' jaffetwa l-ambjent;
- Bi ħlas adekwat li jsir minn min jinkwina biex l-inkwinament jitnaqqas kemm jista' jkun u jissewwa meta jsir;
- B'investiment biex nipproduċu enerġija b'mod aktar effiċjenti u nadif u biex noħolqu prodotti li meta jiġu skartati joħolqu l-anqas inkwinament possibbli.

Il-Gvern hu mpenjat bis-sħiħ li jħares l-ambjent ta' madwarna u dan għall-ġid tagħna kif ukoll fl-aħjar interess tal-ġenerazzjonijiet futuri. Kif wiegħed il-Gvern, sad-data tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea se jingħalqu l-miżbliet tal-Magħtab u tal-Qortin. Sabiex jilħaq dan il-għan il-Gvern għaddej b'ħidma ntensiva biex tinbena u tibda topera l-infrastruttura neċessarja fosthom l-*Interim Controlled Engineered Landfill.* L-investiment finanzjarju marbut ma' dawn il-faċilitajiet

jammonta għal madwar Lm30 miljun fuq perjodu ta' tliet snin li parti sostanzjali minnhom ġejjin mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

Is-sħubija fl-Unjoni Ewropea se tfisser ukoll responsabbiltajiet akbar għall-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar biex tkun tista' tissorvelja aħjar l-ambjent li fuqu tiddependi saħħitna.

Fix-xhur li ġejjin, il-Gvern se jkun ukoll għaddej b'ħidma f'ħames siti li ntgħażlu biex fihom jinbdew proġetti ta' afforestazzjoni. Dan il-proġett se jwassal biex fuq medda ta' ħames snin issir afforestazzjoni fi tlettax-il sit li ġew identifikati madwar Malta u Għawdex. Il-ħsieb tal-Gvern hu li dan il-proġett jimxi 'l-quddiem anke bil-kontribuzzjoni tal-privat.

Il-Gvern se jkompli jgħin fl-iffinanzjar ta' dawn il-proġetti iżda jkun għalxejn li jitfasslu miżuri ta' mmaniġġjar ambjentali mill-aqwa għal pajjiżna jekk ma nkunux aħna stess li nħarsu l-ambjent tagħna permezz ta' kif nikkonsmaw u billi nikkontribwixxu għall-ispejjeż involuti.

Għaldaqstant, se tkun imnedija sistema ta' eko-kontribuzzjoni. Parti minn din l-eko-kontribuzzjoni se tinġabar minn *containers* ta' prodotti ta' konsum. Dan għaliex dawn il-*containers* huma parti essenzjali mill-problema ta' immaniġġjar ta' l-iskart f'pajjiżna. Din is-sistema, li se tiġi introdotta gradwalment, se tkun ibbażata fuq dawn il-prinċipji:

- l-eko-kontribuzzjoni se tħajjar iktar l-użu ta' *deposit refund schemes* fuq *containers*;
- l-ammont ta' l-eko-kontribuzzjoni fuq tipi ta' *containers* differenti se tkun tirrifletti l-impatt ambjentali tal-*containers* u;
- hi intiża sabiex tiskoraġixxi konsum b'impatt ambjentali mhux aċċettabbli.

Hija l-intenzjoni tal-Gvern li jaħdem id f'id mal-privat sabiex jiġu żviluppati inizjattivi f'din id-direzzjoni. Il-Gvern jemmen li l-operaturi lokali għandhom iħaddmu huma stess sistemi li permezz tagħhom il-materjal impoġġi fis-suq jiġi rkuprat u mmaniġġjat b'mod li ma jħalli l-ebda mpatt negattiv fuq l-ambjent.

Għas-sena d-dieħla din l-eko-kontribuzzjoni se tkun introdotta fuq firxa limitata ta' *containers* ta' prodotti ikkunsmati lokalment, kemm jekk maħduma f'pajjiżna kif ukoll importati. Mhux se tinġabar l-ebda eko-kontribuzzjoni minn fuq prodotti li jiġu esportati.

Din il-miżura għandha tiġi riveduta regolarment skond kemm il-produtturi/importaturi lokali jibdew jerfgħu r-responsabbiltajiet tagħhom mill-lat ambjentali. Dan għandu jseħħ billi l-operaturi lokali jħaddmu sistemi li permezz tagħhom il-materjal impoġġi fis-suq jiġi rkuprat u mmaniġġjat b'mod li ma jħalli l-ebda mpatt negattiv fuq l-ambjent.

Il-parti l-oħra ta' l-eko-kontribuzzjoni se tkun fuq prodotti oħra ta' konsum li minnhom infushom jiġġeneraw impatti ambjentali negattivi meta jintremew. Għas-sena d-dieħla, din l-eko-kontribuzzjoni se tinġabar minn fuq batteriji, *tyres*, apparat elettroniku, żjut (mhux ta' l-ikel) u *filters* taż-żejt.

## Il-Welfare

Id-dinja qatt ma tista' tgħix fil-paċi u l-ġid jekk ma tħaddanx il-valuri tal-ġustizzja soċjali, solidarjetà, u t'opportunitajiet u sigurtà għal kulħadd. Irridu nagħqqdu b'mod effettiv l-iżvilupp eknomiku mal-ġustizzja soċjali.

Għalkemm il-ħolqien ta' kultura ta' dipendenza fuq l-Istat hi ħaġa ħażina, kull ċittadin għandu d-dritt għal solidarjetà nazzjonali meta jkun għaddej minn żmien diffiċli bħal mard, diżgrazzja, xjuħija u riskji oħra li jirriżultaw fit-tnaqqis tar-riżorsi għalih u għall-familja tiegħu.

Il-benefiċċji soċjali li nagħtu għandhom ikunu flessibbli għaliex m'għandniex nipprovdu b'mod xorta għal kulħadd. L-iskemi li nħaddmu għandhom ikunu kapaċi u jiġu addattati biex dejjem jibqgħu jindirizzaw il-problemi speċifiċi tal-individwu matul iż-żmien.

**Razzjonalizżazzjoni tal-benefiċċji**

It-tabella numru 8 turi il-benefiċċji soċjali differenti li nqassmu llum, kemm hemm nies jibbenefikaw minnhom u l-ammont li jitqassam kull ġimgħa. Donnu jidher li matul iż-żmien ħloqna benefiċċji soċjali biex nakkomodaw ċirkustanzi uniċi mingħajr ma ngħata każ li f'xi każi l-amministrazzjoni tqum aktar mill-benefiċċju mogħti. Jidher ukoll li ċerta benefiċċji soċjali li setgħu kienu meħtieġa fil-passat m'għadhomx rilevanti aktar.

Waqt li nżommu l-mira tagħna li ngħinu lil kull min għandu bżonn, jeħtieġ li nirrazzjonalizżaw il-pletora ta' benefiċċji soċjali li għandna, anki biex nassiguraw li s-sistema tagħna ma toħloqx diżinċentiv għax-xogħol.

Għaldaqstant, irridu naqtgħu l-prattika ta' uħud, politiċi u amministraturi tas-sistemi tal-benefiċċji soċjali, li jagħtu l-pariri kif wieħed għandu jagħmel biex fuq il-karta jkun eliġibbli għal dan u għal dak il-benefiċċju, ikunx ħaqqu jew le.

*Tabella 8*

## Lista u Spiża tal-Benefiċċji Soċjali

| Description of Benefit | no of benef. | avg payments ech chq | avg payments total |
|---|---|---|---|
| Non - Contributory Age Pension | 4,017 | 25.98 | 5,427 |
| Blindness Pension | 137 | 28.39 | 202 |
| Children's Allowance | 38,352 | 7.40 | 14,748 |
| Social Assistance - Drug Addict | 95 | 10.00 | 49 |
| Disability Child Allowance | 640 | 5.03 | 167 |
| Disablement Gratuity | 161 | 615.86 | 99 |
| Decreased National Invalidity | 35 | 31.68 | 58 |
| Decreased National Minimum | 117 | 35.71 | 217 |
| Disablement Pension | 406 | 7.69 | 162 |
| Early Survivors Pension | 1,724 | 51.95 | 4,658 |
| Foster Child Allowance | 97 | 12.74 | 64 |
| Handicapped Pension Allowance | 52 | 5.37 | 15 |
| Handicapped Pension | 1,689 | 30.17 | 2,650 |
| Injury Benefit | 1,654 | 7.91 | 680 |
| Increased Invalidity Pension | 474 | 35.91 | 885 |
| Increased National Minimum | 1,536 | 38.72 | 3,093 |
| Invalidity Pension | 1,691 | 25.60 | 2,251 |
| Increased Retirement Pension | 2,900 | 46.13 | 6,956 |
| Leprosy Assistance | 68 | 14.52 | 51 |
| Maternity Benefit | 1,917 | 19.16 | 37 |
| Milk Grant | 124 | 5.25 | 34 |
| Marriage Grant | 1,977 | 86.38 | 171 |
| National Minimum Invalidity | 6,353 | 34.09 | 11,261 |
| National Minimum Pension | 8,250 | 29.52 | 12,665 |
| Widows Pension - Nmwp | 8,231 | 39.17 | 16,767 |
| Orphans Allowance | 15 | 25.34 | 20 |
| Non - Contributory Age Allowance | 383 | 5.39 | 107 |
| Carer's Pension | 279 | 32.49 | 471 |
| Retirement Pension | 7,619 | 31.48 | 12,473 |
| Social Assistance | 6,367 | 30.02 | 9,939 |
| Sa- Social Assistance Allowance | 21 | 5.30 | 6 |
| Social Assistance (Sab) | 26 | 23.86 | 32 |
| Social Assistance Female | 556 | 21.96 | 635 |
| Sickness Benefit | 16,853 | 4.99 | 4,370 |
| Severly Handicapped Allowance | 3 | 5.37 | 1 |
| Severely Handicapped Pension | 270 | 29.64 | 416 |
| Sickness Assistance | 14,252 | 7.87 | 5,836 |
| Supplementary Assistance | 28,401 | 1.72 | 2,537 |
| Survivors Pension | 3,203 | 52.29 | 8,709 |
| Special Unemployment Benefit | 1,116 | 4.95 | 287 |
| Sa - Unmarried Parent | 1,286 | 29.32 | 1,961 |
| Tuberculosis Assistance | 33 | 8.72 | 15 |
| Treasury Pension | 13,343 | 1,487.63 | 19,849 |
| Two Thirds Pension | 17,039 | 56.55 | 50,104 |
| Unemployment Assistance | 5,395 | 31.88 | 8,943 |
| Unemployment Benefit | 3,044 | 2.74 | 434 |
| Widows Pension | 1,282 | 47.17 | 3,145 |
| | **203,483** | | **213,659** |

## Viġilanza

Jibqa' dmir tagħna li nżidu l-viġilanza biex niżguraw li l-benefiċċji li jitħallsu mit-taxxi tal-Poplu, jkunu sejrin verament għand min għandu bżonn. Għalhekk, irridu nirriformaw ukoll il-proċeduri li nużaw fit-tqassim u fil-kalkolu tal-benefiċċji soċjali. Se ndaħħlu sistema ta' awditjar mediku biex nassiguraw li kull min qed jiġi ċċertifikat sabiex jibbenefika għall-benefiċċji hu fil-fatt eliġibbli.

## Pensjonijiet

Il-proċess ta' riforma fil-pensjonijiet reġa' qabad ritmu mgħaġġel. Wara li ċ-*Chairman* tal-Kummissjoni Nazzjonali għar-Riforma tal-*Welfare* ippreżenta r-rapport tiegħu, il-Gvern u s-sieħba soċjali l-oħra taw ukoll ir-reazzjoni tagħhom.

Ġie maqbul li biex ma jkunx hemm duplikazzjoni, il-Kummissjoni tiġi magħquda mal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali għall-finijiet tad-diskussjoni fuq ir-riforma tal-pensjonijiet.

Saret diskussjoni wiesa' dwar l-implikazzjonijiet tar-riforma u tat-tibdil li qed jiġi propost. L-esperti attwarji u ekonomiċi tal-Bank Dinji, li ġew mitluba miċ-*Chairman* sabiex jagħmlu analiżi u jagħtu pariri dwar din ir-riforma, għandhom jippreżentaw ir-rapport tagħhom sa l-aħħar ta' Jannar li ġej. Dan ir-rapport għandu jiġi studjat bir-reqqa mill-partijiet kollha li huma kommessi li jidħlu f'diskussjoni ntensiva biex, sa nofs is-sena d-dieħla, naslu għall-konklużjonijiet li nisperaw li jkunu maqbula bejn kulħadd.

## Saħħa

Il-problema tas-saħħa hi problema tal-lum. L-avvanzi kbar li qed isiru u li pajjiżna jadotta malajr qed ifissru li ħafna mard li

qabel kien kundanna għall-mewt illum qiegħed jitfejjaq jew jittaffa. Pajjiżna llum għandu tobba, *nurses* u professjonisti oħra ddedikati biex jagħtu kura lill-kulħadd fuq mard li sa ftit snin ilu, ftit kienu jintbagħtu barra minn Malta biex ikunu ikkurati minnu. Dalwaqt ser ikollna wkoll sptar ġdid fejn ser jingħata servizz ta' l-ogħla kwalità.

Mhux ta' b'xejn li, minn żmien għal żmien, nisimgħu li s-sistema tas-saħħa f'pajjiżna hi fost l-aqwa fid-dinja!

Irridu nħarsu b'mod kritiku lejn is-servizzi li tajna sal-lum biex nikkontrollaw l-ispiża u naċċertaw li kull Malti u Għawdxi jibqa' jkollu aċċess sħiħ għall-kura tal-mard.

Għalhekk, waqt li l-karta r-roża se tibqa', se niżguraw li, min verament ħaqqu, jibqa' ntitolat għall-mediċini b'xejn. Se jkun hemm reviżjoni tal-użu tal-kartuna fejn se jiddaħħal *means test* li se jkun flessibbli għall-kundizzjonijiet differenti. Anki hawn, se jsir awditjar mediku sabiex tiġi aċċertata l-eliġibbiltà ta' dawk li jieħdu s-servizzi.

Minn statistika kumpilata jidher ċar li m'għadux jagħmel sens li ċ-ċentri kollha tas-saħħa jibqgħu jiftħu bil-lejl u nhar ta' Ħadd. Hekk ukoll ir-riżorsi ta' tobba, infermiera u paramediċi li llum huma allokati għal dan ix-xogħol jistgħu jiġu dedikati għas-servizz fl-isptarijiet fejn huma meħtieġa biex inaqqsu l-pressjoni ta' xogħol fuq sħabhom. Barra minn hekk, ċerti servizzi f'dawn iċ-ċentri jkunu limitati għal dawk li għandhom il-karta r-roża.

Se jittieħdu passi biex jibda jsir ħlas għal kura fl-isptarijiet tagħna minn:

- dawk b'assikurazzjoni privata;
- dawk li jkunu vittmi ta' nċidenti u li jkunu koperti b'assikurazzjoni u;
- barranin, anki dawk li jkunu koperti minn xi trattat bilaterali imma li huma koperti b'assikurazzjoni.

Id-dettalji tar-riforma fis-sistema tas-saħħa se jkunu diskussi wkoll mas-sieħba soċjali fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, biex flimkien insibu bilanċ tajjeb bejn is-sostenn u l-vijabbilità.

Meta ssir ir-riforma tal-pensjoni, hemm il-ħsieb li titnieda wkoll l-assikurazzjoni tas-saħħa li titħallas minn parti mit-taxxa tas-sigurtà soċjali kif nafuha llum. Id-dettalji dwar din l-assigurazzjoni jingħataw meta titnieda.

## Għeluq

Mr Speaker,

Matul is-sekli bnejna pajjiż li jiġbed l-ammirazzjoni ta' ħafna.

Wasalna ħafna aktar minn pajjiżi oħra mogħnija b'rikkezzi naturali kbar. Dan irnexxielna nagħmluh bil-ħila tal-Maltin u l-Għawdxin tal-lum u tal-bieraħ.

Għandna Poplu b'talenti kbar. Irġiel, nisa, żgħażagħ u anzjani, hu x'inhu t-twemmin politiku tagħhom, hi x'inhi l-pożizzjoni soċjali tagħhom. Tajna sehemna lkoll u rridu nkomplu nagħtu sehemna fl-oqsma kollha tal-kultura, tal-professjonijiet, tas-snajja', tal-edukazzjoni, tal-agrikoltura, tal-manifattura, tal-kostruzzjoni, tat-turiżmu, tas-servizzi finanzjarji, tal-oqsma soċjali, u tal-ambjent.

Għandna nagħmlu suċċess fl-Ewropa. Narmaw pajjiżna għaż-żminijiet ġodda, ilkoll għalenija niġbdu ħabel wieħed. Għax dan pajjiżna lkoll.

U għax pajjiżna tagħna lkoll, irridu ntellgħu il-livell tiegħu, nistmerru l-medjokrità, inbarru l-egoiżmu u ngħixu bl-ordni u d-dixxipplina. Xejn li jilħaq dan l-għan m'għandu jitqies żejjed jew ta' dwejjaq.

Dan hu l-mument, fejn il-viżjoni ma tibqax imċajpra imma ssir konkreta, fejn il-ħolm isir realtà, fejn il-kliem isir fatti.

Għax dan pajjiżna lkoll. Għax dan hu l-akbar wirt li nistgħu inħallu lil uliedna.